MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 413/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C2833)**

**vs**

**Clinica Del Benessere Limited**
**(C24405)**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef, mitejn u sitta u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,236.34) bilanc dovut ghad-debitu fil-"Loan Account" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Novembru, 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 29 ta' Settembru, 2012 (Dok "B") u partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta socjeta' Clinica Del Benessere Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti u/jew (c) hemm bidlet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 2012 (Dok "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-istess socjeta' konvenuta, ppresentata fis-6 ta' Marzu, 2013 (a fol. 16) li biha l-istess socjeta' konvenuta, kif rapprezentata, ammettiet it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

In vista ta' dak premess il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' sebat elef, mitejn u sitta u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,236.34), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Novembru, 2012 sal-jum tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------